DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1953

tas-7 ta' Ottubru 2022

dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull Stat Membru għall-2020

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(6) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistabbilixxi l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena tal-perjodu mill-2013 sal-2020 u mekkaniżmu biex kull sena tiġi vvalutata l-konformità ma' dawk il-limiti. L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, espressi f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' CO_2, jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE ([3]). L-aġġustamenti tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE ([4]).

(2) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jipprevedi proċedura għar-rieżami tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri sabiex tiġi vvalutata l-konformità mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE. Ir-rieżami annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 twettaq abbażi tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-2020 irrappurtata lill-Kummissjoni f'Marzu tal-2022 f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 ([5]) u fl-Anness XVI ta' dak ir-Regolament.

(3) L-ammont totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2020 jenħtieġ li jqis il-korrezzjonijiet tekniċi u l-istimi riveduti kkalkulati waqt ir-rieżami annwali kif mogħtija fir-rapporti tar-rieżami finali mfasslin skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 749/2014.

(4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jistabbilixxi d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni bħala l-punt tat-tluq għall-perjodu ta' erba' xhur li matulu l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-somma totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2020 li ġejjin mid-*data* kkoreġuta tal-inventarju wara li tlesta r-rieżami annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Stat Membru	**L-emissjonijiet tal-gassijiet serra għas-sena 2020 koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE (ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju)**
Il-Belġju	64 904 157
Il-Bulgarija	25 735 613
Iċ-Ċekja	58 650 330
Id-Danimarka	30 835 287
Il-Ġermanja	407 410 808
L-Estonja	5 934 829
L-Irlanda	44 721 180
Il-Greċja	42 893 855
Spanja	184 188 341
Franza	307 767 715
Il-Kroazja	16 518 244
L-Italja	254 001 457
Ċipru	4 243 155
Il-Latvja	8 436 245
Il-Litwanja	14 042 972
Il-Lussemburgu	7 687 843
L-Ungerija	43 906 325
Malta	1 311 233
In-Netherlands	90 196 821
L-Awstrija	46 543 211
Il-Polonja	205 093 211
Il-Portugall	38 536 930
Ir-Rumanija	77 123 535
Is-Slovenja	9 754 284
Is-Slovakkja	18 877 704
Il-Finlandja	28 120 096
L-Iżvezja	29 384 094
Ir-Renju Unit	298 936 220